# Il-Bies tar-Reġina

*Ian Mifsud*

Il-Bies tar-Reġina huwa għasfur mill-familja tat-tajr tal-priża, jiġifieri dawk l-għasafar li jieklu annimali oħra biex jgħixu. Il-Bies tar-Reġina ġeneralment jaqbad friefet, ġurati u mazzarelli, iżda fi żmien il-bejta jaqbad għasafar żgħar bħall-pitirrossi u l-buful. Dan il-bies huwa adattat sew għal dan it-tip ta' għejxien: għandu għajnejn li jilmħu mill-bogħod, difrejn li jaħtfu u munqar imgħawweġ 'l isfel biex iqatta' l-priża.

Il-Bies tar-Reġina huwa seqer imdaqqas, iżgħar u iżjed mislut mill-Bies iżda akbar mis-Seqer tal-Ħannieqa. Il-kulur ta' dan l-ispeċi jista' jkun ċar jew skur ħafna u ġieli jkun kważi iswed tuta. Għalkemm wieħed jista' jitfixkilhom meta jarahom għall-ewwel darba, faċli jagħrafhom minn xulxin għax, għalkemm il-Bies tar-Reġina hu ġeneralment ta' l-istess lewn tas-Seqer tal-Ħannieqa, għandu l-ġwienah u d-denb itwal.

Il-Bies tar-Reġina jinstab imxerred mal-Mediterran, mal-kosta tal-Marokk fuq in-naħa ta' l-Atlantiku, kif ukoll fuq il-gżejjer Kanarji. Il-Bies tar-Reġina huwa wieħed mill-ftit għasafar tal-priża li jbejtu f'kolonji, jiġifieri numru ta' għasafar li jbidu viċin għasafar oħra ta' l-istess speċi. Għasafar oħra li għandhom l-istess karateristika huma ż-żumbrell u l-Ispanjulett Sekond. L-akbar kolonji tal-Bies tar-Reġina jinstabu lejn ix-xlokk tal-kosta Griega. Fil-fatt, fuq il-gżejjer żgħar imferrxin fil-baħar Eġew hemm mas-66% tal-pari li jbejtu fil-Mediterran. Kolonji kbar oħra jinstabu fl-Italja u fi Spanja.

Dan l-għasfur tal-priża jidher fil-Mediterran għall-habta ta' April. F'dan iż-żmien jibda jistabbilixxi kolonji ma' l-irdumijiet fuq il-gżejjer u l-blat kbir imferrex mal-Mediterran. Huwa interessanti li żmien il-bejta ta' dan l-għasfur huwa tard ħafna meta tqabblu ma' ta' għasafar oħra. Dan għaliex il-Bies tar-Reġina jitma' l-frieħ tiegħu għasafar żgħar oħra. Għalhekk ibid fiż-żmien biex, meta l-ferħ ifaqqas, il-passa ta' l-għasafar fil-ħarifa tkun fl-aqwa tagħha. U hekk

*IL-BIES TAR-REĠINA (paġna 13) jista' jkun skur jew inkella ċar.*




Segretarjat
AMBJENT



il-bies ikollu ħafna priża x'jaħtaf biex jitma' lill-frieħ tiegħu. Għall-ħabta ta' Ottubru jibda jpassi lejn artijiet iżjed sħan. Iżda r-rotta minn fejn jgħaddi hija kemxejn differenti minn dik ta' għasafar oħra. Dan l-għasfur ipassi mill-Mediterran lejn il-Baħar l-Aħmar, fil-lvant tal-Mediterran u mbagħad 'l isfel fejn iqatta' x-xitwa tul il-kosta tal-lvant ta' l-Affrika kif ukoll fil-gżira ta' Madagaskar. F'Malta jidher minn April sa Ottubru, iżda l-iżjed li jidher huwa fil-ħarifa bejn Settembru u Ottubru. Anke f'dan iż-żmien jidher f'numri żgħar ħafna.

L-isem xjentifiku tal-Bies tar-Reġina huwa *Falco eleonorae*, imsemmi għar-reġina Eleonora D'Arborea. Ir-Reġina Eleonora għexet ġewwa Sardenja fis-seklu erbatax. Hija kienet imħassba li dan il-bies seta' jinqered minħabba l-kaċċa bla rażan. Għalhekk fl-1392 ir-Reġina għaddiet liġi li tipprojbixxi l-kaċċa ta' dan l-għasfur. Dan gara fi żmien ferm qabel ma eżistiet xi għaqda ambjentali favur id-drittijiet tan-natura.

B'xorti tajba, il-Bies tar-Reġina għadu magħna, iżda forsi wieħed jista' jistaqsi: kemm se jdum? Illum il-ġurnata għad fadal biss madwar 4,500 par. Billi jbejjet f'kolonji, huwa aktar faċli li jaqa' vittma ta' l-attivitajiet tal-bniedem. Għalkemm ħafna minn dawn il-kolonji jinstabu f'riservi naturali u postijiet protetti oħra, xorta waħda hemm id-diffikultajiet biex dawn ikunu mħarsa tajjeb. Għalhekk il-kaċċa u s-serq tal-frieħ kif ukoll tal-bajd huma problemi f'ċerti pajjiżi. Biex tiġi mħarsa din l-ispeċi ta' bies hemm bżonn li kemm it-teħid tal-bajd kif ukoll il-kaċċa jiġu mwaqqfa. Iżda hemm ukoll l-effett indirett tal-bniedem. Il bini ta' xi kumpless turistiku fuq irdum fejn ikun ibejjet il-Bies tar-Reġina jisfrattalhom il-bejtiet tagħhom. Hemm ukoll effetti negattivi oħra. Ħafna minn dawn l-għasafar ibejtu fuq gżejjer żgħar li normalment m'humiex abitati l-ħin kollu mill-bniedem. Iżda l-bniedem ġarr xi annimali bħal qtates u ġrieden lejn dawn il-gżejjer, li mbagħad ħarbu u kotru b'dannu għall-ambjent naturali. Fil-fatt huwa stmat li madwar 30% tal-bajd jinsterqu mill-ġrieden. L-introduzzjoni ta' annimali oħra bħall-qtates ukoll jista' jagħmel ħafna ħsara lill-bejtiet. Diffikultajiet oħra matul ir-rotta tal-passa tal-Bies tar-Reġina huma l-kaċċa u l-pestiċidi, kif ukoll nuqqas ta' ambjent adattat.

Li kieku ma kienx għall-kaċċa, forsi xi ftit Bisien tar-Reġina li jżuruna kull sena jistgħu jbejtu fil-gżejjer tagħna wkoll. Iżda dawn kollha jisfaw maqtula u meqruda, għalkemm huma mħarsa bil-liġi u l-kaċċa, l-ibbalzmar u l-pussess tagħhom huma illegali. ❑